MALTA

# QORTI TAL-MAĠISTRATI (MALTA)
# BĦALA QORTI TA' ĠUDIKATURA KRIMINALI

**MAĠISTRAT DR.**
**MIRIAM HAYMAN**

Seduta tas-7 ta' Mejju, 2003

**Il-Pulizija**
**(Sp. Dennis Theuma)**

**vs**

**John Galea ta' 56 sena, iben Michael u Francesca Saveria nee Tedesco, mwieled Valletta fit-13 ta' Frar, 1945, residenti 32, "St. Francis", Triq il-Ferrovija l-Qadima, B'Kara, detentur tal-karta ta' l-identita' bin-numru 175045 (M).**

Il-Qorti,

Rat l-akkuza kontra l-hawn fuq imsemmi John Galea li gie akkuzat talli f'dawn il-gzejjer fit-30 ta' Marzu, 2001 u fi zmien ta' qabel b'diversi azzjonijiet maghmula minnu anke jekk fi zminijiet differenti izda li jiksru l-istess

dizpozizzjonijiet tal-ligi u li kienu maghmulin b'rizoluzzjoni wahda, bhala detentur tal-fond numru 32, St Francis, sitwat fi Triq il-Ferrovija l-Qadima, B'Kara jew bhala persuna li kellu f'idu l-imsemmi fond, b'mezzi qarrieqa ikkommetta serq ta' kurrent elettriku minn meter tad-dawl li jinsab fl-imsemmi fond ghad-dannu tac-Chairman tal-Korporazzjoni Enemalta, liema serq huwa kkwalifikat bil-mezz, bil-hin u bil-valur li ma jeccedix Lm 1000 u dan kollu bi ksur tal-artikoli 261, 263(a), 264(1), 267 u 270 rispettivament tal-kap 9 tal-Ligjiet ta' Malta.

U aktar talli fl-istess zmien ghamel hsara fil-makkinarju u gumni ta' l-elettriku jew ikkaguna telf ta' kurrent tal-elettriku, u fl-ahhar talli ghamel hsara jew gharraq xi apparat jew parti mill-meter tal-elettriku jew sigilli tieghu jew xi parti minn xi apparat jew gumni uzati fil-provvista tal-elettriku jew sigilli taghhom u dan kollu bi ksur tal-artikolu 326 (1) ( c) & f tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Il-Qorti giet ukoll mitluba li f'kaz ta' htija tordna lill-imputat John Galea biex ihallas l-ispejjez relattivi ghal perizja peritali rigwardanti l-imsemmi kaz.

Rat il-kunsens ta' l-Avukat Generali a fol 3.

Rat li l-akkuzat ma kellu ebda oggezzjoni ghal tali kunsens u li hu wiegeb li ma kienx hati ghall-akkuzi kif dedotti kontra tieghu.

Rat l-atti kollha tal-kawza.

Ikkonsidrat

Illi nonostante l-prezunzjoni iuris tantum li hemm fil-ligi fuq ir-registered owner fl-art 264 anke jekk il-konkluzjoni Magisterjali gustament f'dak l-istadju kkkonkludiet mod iehor, pero' din il-Qorti kellha l-opportunita' li tisma' lil Silvio Decelis, in rapprezentanza tal-Korporazzjoni Enemalta, li xehed fuq zewg fatturi saljenti li jimmilitaw ferm favur l-akkuzat

(a) li l-impjegati ta' l-Enemalta accedew fuq il-post in kwistjoni fuq talba ta' l-istess imputat ghax irraporta fault (a fol 25)
(b) li fi zmien li l-fond kien ghand l-akkuzat cioe l-meter kien il-kontroll tieghu ma kien hemm ebda telf ta' konsum ( a fol 25).

Ghaldaqstant in vista ta' dak premess John Galea qed jigi lliberat mill-akkuzi kif dedotti kontra tieghu.

--------------------------------TMIEM--------------------------------